**MARSAXLOKK**

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru 2015 2015, fl-10:30a.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum it-18 ta' Settembru 2015
Nru 9

## Aġenda

1. Gbir ta' skart domestiku

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta b'urgenza nru 9, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru 2015, fil-10:30a.m.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C..)<br>Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Gbir ta' skart Domestiku

Is-Sindku flimkien ma dawk prezenti qal it-talba

09/01 Gbir ta' skart domestiku

09/01/01 Is-Sur Horace Gauci qal illi l-laqgha kienet issejhet wara li l-Kunsill Lokali kien gie avvicinat minn rapprezentanti tas-Segretarjat ghall-Gvern Lokali u WasteServ Malta Ltd. bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita illi Marsaxlokk jissieheb fi progett pilota tal-gbir ta' skart organiku mir-residenzi fil-lokalita'. Is-Sur Gauci zied jghid illi b'konnessjoni mal-materja bejn Ottubru u Dicembru 2015 kien ser jinbeda progett pilota tal-gbir ta' skart organiku minn hames lokalitajiet. Bejn Jannar u Marzu 2016 imbaghad kien hemm il-hsieb illi jizdiedu erba' lokalitajiet ohra u Marsaxlokk gie identifikat bhala wahda mil-lokalitajiet li setghet tigi inkluza fit-tieni fazi tal-progett pilota kemm il-darba jaccetta l-Kunsill Lokali. Kemm il-darba l-Kunsill Lokali jaccetta illi jissieheb fil-progett il-gbir ta' skart mil-lokalita' kellu jsehh kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| Nhar ta' Tnejn | - | Gbir ta' skart organiku |
| Nhar ta' Tlieta | - | Gbir ta' skart riciklabbli (plastik ecc) |
| Nhar ta' Erbgha | - | Gbir ta' skart domestiku mhallat |
| Nhar ta' Hamis | - | Gbir ta' skart riciklabbli (plastik ecc) |
| Nhar ta' Gimgha | - | Gbir ta' skart organiku |
| Nhar ta' Sibt | - | Gbir ta' skart domestiku mhallat |
| Nhar ta' Hadd | - | Xejn |

Il-gbir ta' hgieg kellu jsir darbtejn fix-xahar hekk kif stabbilit. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kien hemm ftehim illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali jaccetta li jiehu sehem fil-progett pilota, kellha tinbeda kampanja edukativa b'mod immedjat fil-lokalita'. Kellhom ukoll jitqassmu recipjenti li fihom jinzamm l-iskart organiku. Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gie stabbilit illi l-imsemmi progett kien ser ikun eventwalment applikat fuq skala nazzjonali u ghaldaqstant kien ikun ghaqli kemm il-darba l-Kunsill Lokali ikollu stampa cara ta' eventwali problemi li setghet iggib maghha tali inizjativa.

Finalment fuq proposta tas-Sur Horace Gauci, issekondat mis-Sur Steven Grech u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jippartecipa fil-progett pilota bil-modifiki fis-sistema tal-gbir ta' skart minn Marsaxlokk jidhlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2016.

**Aġġornament**

Is-Seduta spiccat fil-11:30 a.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata sine die.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 4/10/15